**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Gunju 2015**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Charles Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Charles Abela ta' 36 sena bin Rosario u Carmen nee' Abela, mwieled Zebbug Malta fit-23 ta' Ottubru 1978 u residenti Springfield Court, Flat 1, Triq it-Tgham, Mellieha u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 82679M;

Talli;

1) F' April 2011 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmuli fi zminijiet differenti, izda li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta

kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn €2329.37 u cioe' circa 15,000 ewro ghad-detriment tas-socjeta' Tarcam Company Ltd;

2) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jwe ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn €2329.37 u cioe' cirkoa 15,000 ewro ghad-detriment tas-socjeta' Tarcam Company Ltd;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' provi difiza, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li din l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li ssibu hati u ghalhekk tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu, il-Prosekuzzjoni kienet ressqet il-provi kollha taghha, li kienu jindikaw b'mod car li l-imputat kien ghamel uzu minn flus li kien fdalu certu George Catania, u minnflok uzahom ghan-negozju li kienu ftehmu fuqu, hallas lil terzi u ghamel uzu iehor minnhom. Dan hu ammess anke fl-istqarrija tal-imputat, esebita fl-atti, mehuda fit-8 ta' Mejju 2011. Jidher li r-reat hu dak ta' misapproprjazzjoni u mhux dak ta' frodi f'dan il-kaz. Ghalhekk di fatti l-imputat irregistra ammissjoni ghal dik l-imputazzjoni biss, peress illi dik ta' frodi inghatat bhala alternattiva ghall-ohra.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tinghata piena ta' prigunerija, li izda ma tidholx fis-sehh sakemm l-imputat ma jwettaqx reat iehor fil-perijodu li tibqa' operattiva din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(a), 18, 293, 294, 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tat- tieni (2) imputazzjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlittax (13)- il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai temrinu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA., LL.D., MA**

**MAGISTRAT**